A.L. 244 ta' l-2006

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Emenda Nru. 2), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 1 ta' l-2006.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, taħt l-intestatura "02. Bejgħ tard bil-lejl", il-paragrafu ġdid li ġej għandu jiżdied minnufih wara t-tieni paragrafu:

"Il-Ministru jista' jagħti eżenzjoni minn kull ħinijiet tax-xogħol fl-okkażjoni ta' avveniment ta' importanza kulturali, soċjali jew kummerċjali f'xi lokalità meta huwa jkun sodisfatt illi dik l-eżenzjoni tkun f'lokha u li hija tkun ġiet approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn ikun se jseħħ l-avveniment."